MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2015

Numru 234/2010

Il-Pulizija

Spettur Elton Taliana

vs

Twanny Grima

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' identita' 237077m akkuzat talli:

1. nhar il-11 ta' Marzu 2010 ghal habta tas-siegha u nofs ta' wara nofsinhar minn go residenza Sta. Marija Farmhouse, Triq Hanibal, Attard, bil-hsieb li jikkometti delitt ta' serq aggravat bil-valur li jeccedi €2332 u bil-lok, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu u dan ghad-dannu ta' Conrad Cassar;
2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi wara li gie ikkundannat f'Malta ghal serq jew ghal ricettazzjoni, nstab fil-pussess ta' ghodod ohra tajbin ghal ftuh jew sgassar ta' serraturi jew

instabu ghandu forom ta’ serraturi minghajr ma’ ta kont sodissfacjenti ghal-liema skop legittimu instabu ghandu f’dak il-hin;

3. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kiser il-probation taht l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-ligijiet ta’ Malta fejn kien misjub hati minn sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta’ Malta fit-2 ta’ Ottubru 2009;
4. fl-istess data ghal habta ta’ nofsinhar f’Haz-Zabbar u fl-inhawi ohra f’dawn il-Gzejjer wara li gie ikkundannat f’Malta b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta’ Malta fid-19 ta’ Jannar 2010 ghal skwalifika milli izomm jew jikseb licenzja tas-sewqan, saq “motor car”;
5. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq vettura b’numru tar-registrazzjoni AAR 675 tal-ghamla Mitsubishi minghajr ma kienet licenzjata mill-Awtorita dwar it-trasport ta’ Malta u minghajr ma kienet koperta b’polza ta’ sigurta’ dwar riskji ghal terzi persuni;

Il-Qorti mitluba li titratta lill-imputat bhala recediv ai termini tal-Artikolu 49, 50, u 289 tal-Kap 9 tal-Kodici Kriminali meta huwa kien gie misjub hati u kkundannat ghall-reati, b’sentenzi ta’ reati, b’sentenzi ta’reati Maltin, liema sentenzi saru definittivi;

Mitluba wkoll sabiex tapplika fil-konfront tal-imputat d-dispozizzjoni tal-Artikolu 5 tal-Att dwar il-money laundering Kap 373 tal-Ligijiet ta’ Malta u dan ai termini tal-Artikolu 23 A(2) tal-Kap 9;

Rat ir-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali li permezz tieghu bghat l-atti lura lil din il-Qorti sabiex tiddecidi, ai termini tal artikoli tal-ligi minnu citati, dwar il-htija jew nuqqas taghha fl-imputat;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Ai termini tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali (folio 153) l-imputat jinsab akkuzat b’attentat ta’ serq aggravat bil-mezz, valur u lok; b’pussess mhux gustifikat ta’ flus, oggetti, ecc, meta ga kkundannat ta’ serq jew ricettazzjoni; li saq vettura li ma kinitx koperta b’licenzja u ma kienx kopert b’polza ta’ assikurazzjoni; li kiser ordni ta’ probation u li hu recidiv.

Intant, l-akkuzi huma kollha konsegwenza l-attentat ta’serq li bih hu akkuzat, liema attentat jinghad li sar fil-11 ta’ Marzu 2011 mir-razzett “St Mary Farmhouse”, Triq Hannibal, Attard. Issa din tal-attentat tinsab pjenament u altru li sodisfacjentement pruvata bl-aggravji taghha skond ir-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali. Mhux biss, billi jinsab pruvat ukoll li l-vettura AAR 675 fil-perjodu meta sehh dan l-attentat kienet registrata fuq l-imputat, Il-provi juru li l-imputat, li dak z-zmien kien qed jaghmel xi xoghol ta’ kisi moghti lilu b’sub-appalt mill-persuna li ipprova jisraq, gie osservat b’wiccu moghtti, jistahba vicin ir-residenza ta’ dan u aktar tard arrestat mill-pulizija minn gewwa l-vettura tieghu fejn kien dahal jistahba. Instab mimdud gewwa fiha u nstabu diversi ghodod mifruxa fil-vettura ( ara okkorrenza maghmula u pprezentata mis-Surgent Alan Lagrasta).

Ikkonsidrat:

Mill-bqija l-akkuzi kollha kif dedotti mill-Avukat Generali fir-rinviju ghall-gudizzju jirrisultaw pruvati kemm ghal dak li jirrigwarda l-ksur tal-probation, in-nuqqas tar-renova tal-licenzja tat-triq tal-

vettura, n-nuqqas ta’ kopertura tal-polza ta’ assikurazzjoni, r-recidiva u tar-reat taht l-Artikolu 287 tal-Kap 9.

Rat l-Artikoli 41, 261(b)(c)(e), 263(b), 267, 278(1)(3), 279(b), 287, 17, 31, 49, 50, 289 tal-Kap 9. Artikolu 15(1)(a), 15(3) u 59 tal-Kap 65, Artikolu 3 tal-Kap 104, Artikolu 23 tal-Kap 446.

Tiddecidi li tapplika kontra tieghu l-Artikolu 7 ta’ Kap 446 ghal tlett snin mill-lum.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------